*Irkejjen storiċi*

*Ħafna Maltin u barranin jirreferu għall-Mużew ta' l-Antikitajiet Rumani bħala l-Villa Rumana. Fil-verità din m'hi villa xejn iżda dar. L-istess nies iżuru dan il-post biex jaraw il-fdalijiet tal-mużajk li fih. Iżda fil-Mużew hemm bosta esebiti oħra interessanti u li jqanqlu interess f'dawk li jħobbu jkunu jafu lil Malta u l-Maltin tal-qedem. Hemm ukoll skrizzjoni li turi li l-Maltin ma sarux Insara mal-miġja ta' San Pawl iżda ferm wara.*

# Il-Mużew ta' l-Antikitajiet Rumani

*minn Vincent Zammit*

Fir-Rabat ta' Malta għandna nsibu diversi postijiet li huma miftuħin għall-pubbliku u juruna ċertu aspetti mill-istorja ta' pajjiżna. Dawn il-mużewijiet huma diversi. Hemm dawk li wieħed jista' jsejħilhom mużewijiet biss. Hemm oħrajn li huma l-istess post storiku u xejn aktar.

Iżda hemm post partikulari li għalkemm f'parti minnu għandu l-istes fdalijiet arkeoloġiċi, f'parti oħrajn mill-istess Mużew naraw numru ta' oġġetti ta' l-istess perijodu. Dan hu l-Mużew ta' l-Antikitajiet Rumani.

Ħafna minna jafu bil-post bħala l-Villa Rumana. Iżda l-fdalijiet arkeoloġiċi juru l-fdalijiet ta' dar u mhux ta' villa. Barra minhekk wieħed irid jifhem ukoll li l-istess oġġetti li hemm murija f'dan il-Mużew mhux bilfors li kienu ġew mill-istess sit arkeoloġiku.

### Oġġetti kbar

Wieħed jinduna li l-Mużew, li għandu diversi tipi ta' oġġetti. Hemm dawk li huma kbar u mdaqqsin sew. Imbagħad hemm oġġetti oħra li wieħed isibhom biss fil-vetrini minħabba ċ-ċokon u d-delikatezza tagħhom.

Fost l-oġġetti l-kbar hemm dak li hu magħruf bħala *trapetum.* Dan kien jagħmel parti mill-ħafna irziezet/fabbriki li kien hawn madwar il-kampanja Maltija. Fost l-aktar karatteristika partikulari għall-pajjiżi tal-Mediterran hi s-sigra taż-żebbuġ.

Għaldaqstant, maż-żmien, il-popli ta' l-antik kienu bdew jindunaw bl-importanza taż-żejt, u għalhekk mhux biss bdew jikkultivawh, iżda anki jipproċessawh. Dan il-proċess ġieli kien ikun b'tali mod u manjiera li wieħed jgħid li kien professjonali fil-kwantità u l-kwalità tax-xogħol.

Il-proċess kien isir billi ż-żebbuġa titwaddab fil-mehrież kbir li naraw fil-Mużew, u kien jibda jiġi mdawwar bejn żewġ ġebliet kbar. Il-ħsieb wara dan il-proċess kien biex jissepara l-għadma minn maż-żebbuġa.

Biex jin-għasar, iż-żebbuġ kien jittieħed f'reċipjent ieħor, li sfortunatament fil-Mużew stess m'għandniex, għal-kemm wieħed jista' jara eżempju qalb il-fdalijiet ta' San Pawl Milqgħi.

Tajjeb ngħidu li jekk kien hawn l-industrija tat-tagħsir taż-żebbuġ f'Malta, bħalma kien fil-Mediterran kollu, wieħed irid jiltaqa' wkoll ma' dawk ir-reċipjenti li mingħajrhom ma kienx ikun trasportat l-istess żejt taż-żebbuġa. Qiegħed nirreferi għall-anfori. Dawn ir-reċipjenti jinsabu f'numru konsiderevoli fl-istess Mużew li qegħdin inżuru, u dawn kienu jinsabu ma' kullimkien.

Fil-fatt l-għamla tagħhom tagħti indikazzjoni jekk kinux saru f'perijodu jew ieħor. Xi mindaqqiet wieħed ikun jista' jagħraf ukoll il-post fejn kienu saru.

Oġġetti kbar oħrajn huma dawk li oriġinarjament kienu jagħmlu parti minn xi bini. Allura naraw biċċiet li huma ta' l-irħam kif ukoll oħrajn li nħadmu fil-ġebla tal-franka. Naturalment dawk li huma maħduma fil-ġebla lokali żgur li kienu nħadmu f'Malta stess, filwaqt li l-irħam kien impurtat f'Malta.



*Skrizzjoni fuq blokka ta' l-irħam li tmur lura għat-tieni seklu wara Kristu*

### Skrizzjonijiet u statwi

Hemm ukoll skrizzjonijiet. L-importanza ta' dawn hi enormi. Wieħed jinduna li hawnhekk ma jkollniex biss skrizzjoni li ma tkun qiegħda tgħidilna xejn speċjali, iżda l-fatt li jkun hemm l-ismijiet ta' persuni, kif ukoll ir-raġuni għaliex tkun twaqqfet hi biżżejjed biex wieħed jifhem l-importanza ta' dawn l-iskrizzjonijiet.



*Waħda mill-istatwi li nsibu fil-Villa Rumana*

Waħda minnhom kienet instabet fis-sena 1747 fl-Imdina Sfortunatament din l-iskrizzjoni ma baqgħetx sħiħa, fis-sens li l-istatwa li kien hemm fuq il-bażi fejn hemm l-iskrizzjoni ma nstabitx.

Din il-kitba ssemmi li wieħed benefattur, li kien il-*primus* ta' Malta, kien ħallas il-flus biex ikun jista' jibni jew jirrestawra tempju dedikat lil Apollo. Il-kelma *primus* qiegħda tirreferi għall-istat pubbliku ta' din il-persuna, jiġifieri dan kien l-aktar bniedem importanti f'Malta. Jista' jkun li qegħdin nitkellmu dwar il-Gvernatur tal-gżejjer.

Mill-istess skrizzjoni nafu wkoll li din kienet saret fit-tieni seklu wara Kristu. L-interess ta' din id-data hu minħabba l-fatt li għandna tendenza li naħsbu u nemmnu li hekk kif kien ġie San Pawl f'Malta, fis-sena 60 wara Kristu, il-Maltin kienu saru kollha kemm huma Insara. Il-fatt, li l-aktar bniedem importanti tal-gżira kien qiegħed joħroġ il-flus għat-tempju ta' Apollo, li kien jinsab fil-belt kapitali, naħseb li hu eżempju biżżejjed biex wieħed jifhem li San Pawl ma kienx għamel lil kulħadd Nisrani. Dan seħħ aktar 'il quddiem, u bil-mod.

Hemm ukoll statwi, jew inkella biċċiet ta' statwi. Qiegħed jingħad hekk minħabba l-fatt li fil-Mużew ta' l-Antikitajiet Rumani niltaqgħu ma' statwi mingħajr ir-ras, filwaqt li naraw ukoll diversi rjus mingħajr il-kumplament tal-ġisem. Dawn mhux kollha huma ta' l-istess daqs. Minħabba f'hekk wieħed irid jimmaġina wkoll li uħud minnhom setgħu kienu maħsuba biex jitpoġġew x'imkien barra. Minn stampi antiki nafu li kien hemm dawn l-istatwi, u għaldaqstant wieħed jimmaġina li uħud minn dawn il-fdalijiet kienu maħsuba għal hekk.

Apparti dawn l-istatwi l-kbar li semmejna hemm oħrajn li huma ferm iżgħar u barra minhekk huma wkoll interessanti. Uħud minnhom qegħdin juru allat Rumani, u b'hekk wieħed jinduna x'tip ta' allat kienu jiġu meqjuma fil-gżejjer tagħna f'dak iż-żmien. Hemm ukoll statwi oħrajn li huma sempliċiment maħsuba għad-dekorazzjoni.

### Oġġetti oħrajn

Fost l-oġġetti li hemm murija fil-Mużew niltaqgħu wkoll ma' ħafna oġġetti żgħar. Dawn huma bħal splenguni, affarijiet tal-ħġieġ kif ukoll tal-fuħħar. Il-materjal tagħhom hu tal-għadam, u mbagħad ikollhom parti minnhom maħduma verament sabiħ u anki rjus dettaljati jkun hemm murija. Hemm oġġetti oħrajn żgħar li naraw, bħal ngħidu aħna misluta, biċċa ħobż ikkarbonizzata, muniti u brazzuletti, kif ukoll labar li kienu jżommu l-mantell li jilbsu r-Rumani.

Wieħed irid jgħid li f'dan il-Mużew hemm diversi oġġetti li wieħed ma tantx jagħti kashom. Dan hu minħabba li l-aktar oġġett li nitkellmu dwaru meta mmorru nżuru dan il-post ikun il-mużajk Ruman li għadu jżejjen l-art tad-dar. Minħabba f'hekk, l-oġġetti ż-żgħar ikunu minsija jew imwarrbin. Biss anki dawn għandhom l-interess tagħhom, u dan l-interess għandu jkun ġenwin minħabba li l-oġġetti huma ħafna importanti u interessanti.

Għalhekk, żjara lil dan il-Mużew m'għandhiex tkun biss waħda ta' malajr. Fuq kollox mhux l-oġġetti l-kbar biss jagħmlu l-istorja.